MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 49/2007

Il-Pulizija
(Spt. T. Sciberras)

Vs

Aldo Muscat

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Mejju, 1999, jew matul dawn l-ahhar jiem,
1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl awtorita' tieghu nnifsu, dahal go boathouse, l-Armier, bla permess jew bil-hsieb li jokkupa l-imsemmija boathouse;
2. fl-istess data, hin u lok ghamel hsara fuq il-bieb tal-istess boathouse.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar, 2007, li biha,

wara li rat l-artikoli 85 u 325(d) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50) u obbligat lill-appellant jirrilaxxa u jirritorna l-fond lil Joe Sant fi zmien gimgha fuq penali ta’ LM2 ammenda kull jum fin-nuqqas, skond l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lil-appellant minn kull piena w imputazzjoni w, fin-nuqqas tvarjaha w timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, tvarja in rigward tal-piena in kwantu giet lilu mposta l-ordni ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- li l-imputazzjoni kif konfezzjonata ma tistax tigi sorretta w dan ghaliex l-isem Joe Sant qatt ma ssemma imkien u allura l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta applikat l-effetti ta’ l-art. 377 (3) tal-Kap. 9 kontra l-appellant favur Joe Sant. Illi mill-fatti ma jikkonkorrux l-elementi la ta’ ragion fattasi skond l-art.85 u lanqas tal-artikolu 325 (d) tal-Kap.9. L-appellant f’ ebda hin ma ghamel dak li ghamel ghax kien qed jippretendi li qed jezercita xi dritt li ghandu u di piu’ lanqas ma jista’ jinghid li kkawza xi tfixkil lil terz ghaliex it-terz ma jidhirx li kien qieghed jaghmel uzu minn din il-kamra. Di piu’ ma jezistux il-kostitwenti l-ohra tar-reat in kwistjoni. Illi kwantu ghall-akkuza ta’ hsara, dan ir-reat qatt ma seta’ jsehh peress li l-appellant ma kkawza ebda hsara fil-proprjeta’ ta’ terz. Illi dato ma non concesso li ma jigux accettati dawn l-aggravji, l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 377 (3) tal-Kap. 9 kif ghamlet. Setghet tordna it-tnehhija ta’ kull dizordnij ew inkonvenjent. Allura l-ordni kellu jkun li jqieghed il-bieb tal-kamra ghall-istat li kien u tali ordni qatt ma setghet tinghata a favur ta’ Joe Sant ghax l-imputazzjoni baqghet sal-ahhar minghajr ma jissemma isem u minghajr ma saret korrezzjoni fiha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz il-provi kollha jinsabu traskritti fit-traskrizzjoni tal-verbali tas-seduti maghmula mill-perit legali Dr. Veronica Aquilina. Din il-Perit irrelatat dwar il-kaz u r-relazzjoni taghha giet akkolta in pien mill-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, li ghamlet taghha il-kostatazzjonijiet raggunti mill-istess perit.

Illi din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa il-provi traskritti w il-motivazzjoni w konkluzzjoni tar-relazzjoni peritali u minghajr ma toqghod terga tirriepiloga l-fatti tal-kaz gja abbilment traccjati mill-perit fir-relazzjoni taghha, tghid bla ezitazzjoni li taqbel ukoll li l-konkluzzjonijiet minnha raggunti huma korretti u li l-appellant kellu jinstab hati tar-reat ta' ragion fattasi u dak ta' hsarat volontarji fil-bieb tal-istess *boat house*, b' dana pero' li bejn dawn iz-zewg reati hemm il-konkors ideali jew formali, billi l-istess fatt ta lok ghall-aktar minn reat wiehed.

Di fatti irrizulta ampjament li meta l-appellant sgassa il-bieb tal-istess *boat house*, u tefa' l-oggetti proprjeta' ta' terzi barra minnha, din kienet fil-pussess u t-tgawdija tal-istess terzi persuni u li meta ghamel hekk hu *di proprio braccio* ghazel li jezercita dritt li kien qed jippretendi li ghandu meta kien jaf li l-okkupant tal-istess kamra ma kienx konsenzjjenti ghal dan l-agir. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jissottometti fir-rikors tal-appell l-appellant kienu jezistu l-elementi kollha tar-reat ta' ragion fattasi, kif ukoll tar-reat l-iehor dedott kontra l-appellant ta' hsarat volontarji fuq il-bieb tal-*boat house.*

Illi ghalhekk l-aggravji fil-mertu qed jigu respinti.

Kwantu ghall-aggravju dwar l-applikazzjoni tal-art. 377 (3) tal-Kap.9, l-Ewwel Qorti dejjem kellha d-dritt – kif jikkoncedi l-istess appellant fir-rikors tieghu – li tordna t-tnehhija ta’ kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat. Pero’ l-abbli difensur jargumenta li din l-ordni ma setghetx tiehu il-forma li hadet u cioe’ li tordna lill-appellant li jirrilaxxja w jirritorna l-fond lil Joe Sant fi zmien gimgha taht penali ta’ Lm2 kulljum fin-nuqqas.

Ikkonsidrat;

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li l-att inkriminat ta’ l-appellant kien jikkonsisti fi sgass tal-bieb ta’ barra tal-*boat house* u li hareg uhud mill-affarijiet li kienu jinsabu go fiha barra. It-tnehhija tal-inkonvenjent kienet allura necessarjament tikkonsisti filli jew il-bieb jigi ripristinat fl-istat tieghu originali bil-forma ta’ sokkra li kellu qabel u bit-tnehhija taz-zewg katnazzi li wahhal l-appellant u – jekk dan m’ghadux possibbli ghax l-istess sokkra originali  tkissret, li tigi konsenjata c-cavetta l-gdida lill-possessur precedenti qabel ma saru r-reati dedotti kontra l-appellant, li jirrizulta li hu Joe Sant u hadd aktar. Ghalhekk forsi id-dicitura adoperata mill-Ewwel Qorti ma kienetx preciza ghall-ahhar u hemm lok li tigi mibdula f’ din is-sentenza.

Il-fatt li Joe Sant ma jissemmiex fl-imputazzjoni bl-ebda mod pero’ ma jfisser li jekk ghandha ssir xi ripristinazzjoni tal-bieb ta’ barra, din ma tridx issir favur tieghu stante li rrizulta abbondantement pruvat fil-kors tal-process li kien dan Joe Sant li kien il-possessur tal-kamra qabel l-intervent abuziv tal-appellant

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu , b’ dan li pero’ bejn dawn iz-zewg reati jezisti l-konkors formali jew ideali, ghall-fini tal-piena, w fejn l-appellant gie kundannat ihallas multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50) u tirrevokaha fejn obbligat lill-appellant jirrilaxxja u jirritorna l-fond lil Joe Sant fi zmien gimgha taht penali ta’ LM2 kull jum fin-nuqqas u minnflok tordna lill-appellant li jirripristina l-bieb

tal-imsemmija *boat house*, fl-istat li kien billi jnehhi iz-zewg katnazzi li hu ghamel mal-istess bieb u jsewwi is-sokor pre-ezistenti – u jekk dan mhux possibbli - li jaghmel sokor gdid u jikkonsenja c-cwievet kollha godda lil Joe Sant, fi zmien gimgha mill-lum taht penali ta’ ammenda ta’ zewg liri maltin (LM2) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien u dan a tenur tal-art. 377 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------